Ir-Raba' Lezzjoni: Nagħtu Qima lil Alla

⌘ Alla huwa s-Sid tal-ħolqien kollu. Għalhekk il-ħolqien kollu huwa mistieden sabiex ifaħħar 'l Alla.

⌘ Madankollu, aħna l-bnedmin għandna nqimuh ferm aktar mill-ħlejjaq l-oħra kollha. Dan għaliex aħna nistgħu nifhmu kemm Alla huwa Kbir u tajjeb.

⌘ Il-ħtieġa li tingħata qima lil Alla kienet tinħass minn dejjem. Biżżejjed niftakru fit-Tempji Megalitiċi li Malta hija mżejna bihom. Dawn in-nies kienu diġa' ħassew il-ħtieġa li jagħtu qima lil xi ħadd li jieħu ħsiebhom mingħajr ma kienu jafu min.

⌘ Il-Lhud kienu jiltaqgħu ta' kull nhar ta' Sibt fis-Sinagoga li kellhom f'kull belt jew raħal u hemm kienu jisimgħu l-kelma t'Alla u jagħmlu t-talb tagħhom. Kienu jkantaw is-Salmi u jfaħħru lil Alla. Xi drabi kienu jitilgħu Ġerusalemm sabiex joffru s-sagrifiċċji tagħhom. Hemmhekk kellhom l-uniku tempju. Kienu wkoll joffru s-sagrifiċċji ta' annimali u frott.

⌘ Il-Qima li nagħtu aħna l-insara lil Alla trid tkun ġejja mill-qalb.

⌘ Irridu nersqu quddiem Alla bħal tfal ċkejknin li jħobbu b'qalbhom kollha lil Missierhom tas-sema u jfittxu li jobduh u jirrispettawh f'kollox.

⌘ Alla jrid li l-qima li tmiss lilu ma nagħtuhiex lil ħaddieħor. Lil Alla, u lil Alla biss nagħtuh qima fl-adorazzjoni. Min jagħti qima li tmiss lil Alla lil xi ħlejjaq oħra, ikun qed jagħmel dnub mejjet li jissejjaħ idolatrija.

⌘ Tadura lil Alla tfisser li taċċettah u tħobbu bħala l-Missier u s-Sid ta' kollox.